MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 254/2008

Carmen Micallef u
Omar Micallef
vs
Madalena Galea;
Joseph Borg;
Michael Borg;
Isabel Mizzi

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

1. Illi Fortunata Borg tigi omm l-attrici Carmen Micallef, kif ukoll omm il-konvenuti kollha;

2. Illi Fortunata Borg ghamlet testament datat tlettax [13] ta' Mejju, 2007 quddiem in-Nutar Pubbliku Dr. Sharon Fiorentino [Dok. 'CM1' anness mar-rikors];

3. Illi l-istess Fortunata Borg mietet nhar it-Tlieta [3] ta' Jannar, 2008 [Dok. 'CM2' anness mar-rikors];

4. Illi l-imsemmi testment huwa afflitt minn difett essenzjali ghall-validita` tieghu u dana billi meta Fortunata Borg ghamlet l-imsemmi testment hija ma kellhiex il-kapacita` rikjesta mil-ligi ghal dan;

5. Illi l-atturi lesti li jipprovaw dan anke permezz ta' certifikati jew rapporti medici rilaxxjati ftit qabel li sar l-imsemmi testment minn konsulent psikjatriku fejn dan ikkonferma li din m'ghandhiex tali kapacita` testamentarja, kif ukoll minhabba l-fatt li l-istess Fortunata Borg kien ilha snin tghix mal-istess attrici Carmen Micallef;

6. Illi r-rikorrenti Carmen Micallef, kif ukoll il-konvenuti kollha huma l-legittimi eredi ta' llum mejta Fortunata Borg;

7. Illi l-attur Omar Micallef ghandu interess guridiku halli jressaq din il-kawza flimkien m'ommu Carmen Micallef billi huwa thalla bhala legatarju fit-testment precedenti ghal dak tat-tlettax [13] ta' Mejju, 2007;

8. Illi l-atturi interpellaw lill-konvenuti halli t-testment tat-tlettax [13] ta' Mejju, 2007 jigi ddikjarat null u bla effett ai fini u effetti kollha tal-ligi u jithassar [Dok. 'CM5' anness mar-rikors], izda dawn baqghu inadempjenti u wiegbu permezz ta' ittra ufficcjali datata [Dok. 'CM6' annessa mar-rikors] fejn huma m'accettawx dan;

9. Illi ghalhekk l-atturi kellhom iressqu din il-kawza;

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara li llum mejta Fortunata Borg ma kellhiex il-kapacita` testamentarja halli hija taghmel it-testment

datat tlettax [13] ta’ Mejju, 2007 quddiem in-Nutar Pubbliku Dr. Sharon Fiorentino;

2. Tiddikjara tali testment bhala wiehed null u bla effett ai fini u effetti kollha tal-ligi;

3. Thassar, tirrevoka u tikkancella t-testment datat tlettax [13] ta’ Mejju, 2007 quddiem in-Nutar Pubbliku Dr. Sharon Fiorentino.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta’ l-intimati Madalena Galea, Joseph Borg u Michael Borg li permezz taghha esponew:

1. Illi preliminarjament Omar Micallef ghandu jipprova l-interess guridiku tieghu billi jipproduci kopja tat-testment tat-13 ta’ Mejju, 2007 minnu citat fir-Rikors.

2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi assolutament mhux minnu li t-testment tat-13 ta’ Mejju, 2007 li sar quddiem in-Nutar Dr. Sharon Fiorentino LL.D. huwa afflitt minn difett essenzjali ghal validita` tieghu u dana peress illi meta omm il-kontendenti, Fortunata Borg, ghamlet l-imsemmi testment, hija kellha l-kapacita` rikjesta mil-ligi.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Salv id-dritt ta’ risposta ulterjuri.

Rat il-lista ta’ xhieda prezentata mill-intimati.

**C. PROVI:**

Rat in-nota ta’ rinunzja ta’ l-intimata Isabel Mizzi fejn irrinunzjat ghall-wirt ta’ ommha, Fortunata Borg, li mietet H’Attard, Malta, fit-3 ta’ Jannar 2008.

Rat li fid-9 ta’ Gunju, 2008 Dr. Zammit-Lewis ghar-rikorrenti kien ipprezenta nota b’dokument in segwitu tar-rikors guramentat, liema dokument huwa kopja ta’ testment fl-Atti tan-Nutar Andre` Farrugia datat 31 ta’ Awissu, 2006, u li dan jispjega l-interess ta’ Omar Micallef.

Gie prezentat affidavit ta’ Carmen Micallef fejn issemma li Fortunata Borg tigi ommha;
Mill-1996 ’il quddiem kienet tghix ghandha madwar erbat ijiem fil-gimgha, u mill-ahhar ta’ l-2002 toqghod ghandha kompletament;
Fl-ahhar snin bdiet tinsa u ma taghrafx lin-nies u anqas tisma’;
Fortunata kienet tghidilha li xtaqet thalli l-post taghha f’Hal Luqa lil binha Omar;
Hutha qajla kienu jigu jaraw lil ommha;
Lil hutha kienet qaltilhom li ommha riedet thalli l-fond lil binha Omar;
Ommha fl-ahhar sena qabel mewtha kienet fi stat kwazi mejta;
Kienet hasset il-bzonn li tiehu lil ommha ghand Dr. Peter Muscat li qalilhom li madwar sitt [6] xhur ohra kellhom jergghu jmorru b’Fortunata Borg ghandu ghal darb’ohra halli jara kif inhi u jekk Fortunata jkollhiex bzonn xi medikazzjoni;
Meta kienet regghet marret ma’ zewgha xi sitt (6) wara Dr. Muscat qalilhom li Fortunata kienet marret ferm ghall-aghar u ma kellhiex il-kapacita` li tiehu hsieb hwejjigha;

Ommha kienet taht il-kura ta’ Dr. Doreen Cassar li tatha parir ma tohroghiex mid-dar;
Fit-12 ta’ Mejju, 2007 huha Michael kien insista li l-gyada jiehu lil ommu ghall-*Mother’s Day* u ghalkemm hi qaltlu li ohta gejja minn Ghawdex biex izzurha, xorta baqa’ jinsisti u fil-fatt mar ghaliha;
Qatt ma rega’ mar jaraha wara;
It-testment tat-13 ta’ Mejju, 2007 ma sarx fl-ufficcju tan-Nutar izda ghand ohtha Maddalena Galea;

Gie prezentat affidavit ta' Omar Micallef fejn semma:
Li Fortunata Borg tigi nanntu;
Li dejjem kien *close* maghha u dana billi ghamel snin jghix maghha fi tfulitu;
Ghall-habta ta' l-ahhar tas-sena 2002, din Fortunata marret toqghod ghand il-genituri tieghu;
Hafna Drabi kienet qaltlu li tixtieq thallilu l-post ta' hal-Luqa;
Madwar sena u nofs qabel mewtha Fortunata kienet bdiet sejra lura fizikament u mentalment. Bdiet tinsa u gieli anqas tagharfu;
In kontro-ezami qal:
Il-bicca l-kbira kienu jkunu fil-ghaxijiet ghand ommu peress li kien joqghod H'Attard stess. Kienet qaltlu dan f'diversi hinijiet;
Kien jaf li kienet ghamlet testament u dan jafu ghaliex kienet qaltlu ommu. Ma kenitx tohrog fl-ahhar sena u nofs hlief meta haduha Michael ghat-testment fl-okkazjoni tal-*Mother's Day*.

Gie prezentat affidavit ta' Anthony Micallef fejn semma:
Fortunata Borg tigi omm il-mara tieghu Carmen;
Mill-2002 Fortunata Borg kienet tghix kuljum maghhom;
Fl-ahhar sena u nofs ma kenitx kapaci tiehu hsieb l-affarijiet taghha ghaliex bdiet tinsa, ma taghraf lil hadd u lanqas titkellem sew, kif ukoll lanqas tisma';
Ibnu Omar dejjem kien il-mimmi t'ghajnejn Fortunata;
Hut martu narament kienu jmorru jzuru lil Fortunata;
Fl-ahhar sena qabel mewtha kienet fi stat kwazi mejta;
Meta fl-2006 Fortunata kienet uriet ix-xewqa li taghmel testment haduha ghand il-Konsulent Mediku u Psikjatriku Dr. Peter Muscat. Dan sar ukoll fuq suggeriment tan-Nutar li ghamel it-testment, jigifieri, in-Nutar Pubbliku Andre` Farrugia. F'dan il-mument Fortunata Borg giet iccertifikata li ghandha l-kapacita` li taghmel testment u fil-fatt ghamlet it-testment li sar fis-sena 2006;
L-istess Dr. Peter Muscat kien qalilhom li madwar sitt xhur wara kellhom jergghu jmorru b'Fortunata Borg ghandu ghal darb'ohra halli jara kif inhi u jekk Fortunata jkollhiex bzonn xi medikazzjoni wkoll;
Meta marru t-tieni darba Dr. Muscat qalilhom li marret ferm ghall-aghar u li ma kellhiex il-kapacita` li tiehu hsieb

hwejjigha hekk kif l-istess Konsulent semma fic-certifikat tieghu datat 19 ta’ Frar, 2007;

Dr. Schembri kien qalilhoma biex ma jhalluhiex tohrog mid-dar. Hija kienet taht il-kura ta’ Dr. Doreen Cassar ukoll li tathom l-istess parir;
Fl-2007 martu qaltlu li huha Michael kien gej ghal Fortunata l-ghada f’Jum l-Omm. Dan Michael hekk fil-fatt ghamel u mar ghaliha filghodu, u gabha lura ghal xi t-3.00 p.m.

Xehed <u>Dr. Peter Muscat</u> u qal:
Hu konsulent psikjatra;
Fil-kors tax-xoghol tieghu kien ezamina lil Fortunata Borg darbtejn, l-ewwel darba fit-30 ta’ Awissu, 2006, fejn kien hareg certifikat li dina kienet fi stat mentalment normali u stabbli u li kienet kapaci li tezercita d-dmirijiet civili taghha kif ukoll kellha *testamentary capacity*; sussegwentement kien raha fid-19 ta’ Frar, 2007 u kienet tul it-tliet xhur precedenti iddeterjorat mentalment, hi kellha 89 sena kienet gradwalment saret konfuza, dizorjentata u ghajjiena hafna;
Kienet ukoll saret inkontinenti miz-zewg nahat u fl-opinjoni tieghu l-istat mentali taghha kien idetterjora hafna minn dak ta’ Awissu tas-sena ta’ qabel u kien hareg certifikat;
Ikkonferma c-certifikat tad-19 ta’ Frar, 2007;
Ikkonferma li precedentement kienet fi stat normali u kkomunikat sew mieghu u spjegatlu xi xtaqet taghmel bi hwejjigha u setghu jzommu konversazzjoni normalissima. Meta gabuha l-familjari taghha fid-19 ta’ Frar, 2007 l-istat mentali kien iddeterjora hafna tant li anqas seta’ jaghmel kommunikazzjoni maghha jigifieri kellha l-bidu tad-*dementia* li anka beda juri ruhu fi stat anke fiziku;
Ma kenitx orjentata aktar u ghalhekk jigifieri jekk kien sar xi testment jew xi kuntratt civili qabel dak iz-zmien meta kienet fi stat mentali tajjeb dak fl-opinjoni tieghu japplika pero` kienet f’dak l-istadju saret fi stat li ma setghetx mill-aspett kemm mediku, iktar u iktar psikjatriku tezercita d-drittijiet civili taghha izjed;
Hi kienet riferita minn Dr. Doreen Cassar fl-ewwel darba li marret ghandu;

Hu kien hareg ic-certifikat fi Frar 2007 biex tigi interdetta u ghalhekk ma kellhiex taghmel testmenti;
Kien qal lil Carmen Micallef li zbaljaw ma jaghmlux l-interdizzjoni;
Meta raha t-tieni darba mentalment ma kenitx toghogbu izda fizikament kienet ghadha timxi. Id-*dementia* hija xi haga progressiva u li pjuttost b'mod rapidu, tibda tiddeterjora u persuna tispicca fizikament. Fil-bidu nett ikun hemm episodju meta tibda tiftakar affarijiet tal-passat u tal-present tibda tinsihom u maz-zmien anka tal-passat jibda jitlaq pero` mhux illum ftakart xi haga u ghada nsejtha mbaghad pitghada ser terga' tiftakar dik il-haga, generalment ikun hemm *progressive decline in memory*. Mistoqsi dwar *lucid intervals* qal li *lucid intervals* skond f'liema stadju ta' *dementia* qieghedha. Meta kien raha hu ma kellha l-ebda *lucid intervals* fit-tieni darba, anqas kommunikazzjoni ma seta' jaghmel maghha, ma kienx hemm jigifieri *a free flowing conversation* u kienet anke iddeterjorat mis-smigh;
L-ewwel darba effettivament kienet anke iddiskutiet mieghu x'kien bi hsiebha taghmel fit-testment pero` t-tieni darba anqas biss gharfitu;

Gie prezentat affidavit ta' <u>Michael Borg</u> u semma:
Li ommu Fortunata Borg kienet toqghod wahedha Hal-Luqa;
Li xi sentejn qabel ma mietet marret toqghod ma' ohtu Carmen Micallef, H'Attard;
Kien hemm zmien ukoll, qabel ma marret toqghod ghand Carmen, li ommu kienet tqatta' xi gimghat ghand Anna Montobello li tigi t-tifla ta' ohtu Magdalene Galea;
Fl-okkazjonijiet bhal *Easter*, *Mother's Day* u *Christmas* bhala regola kienet tmur ghandu;
Fl-okkazjoni ta' *Mother's Day* tat-13 ta' Mejju, 2007 hu kien bhas-soltu cempel lejliet biex jistedinha biex tmur ghandu u l-ghada ghall-habta ta' l-10.00 a.m. mar ghaliha. Ohtu Carmen kienet qaltlu li ohthom Isabelle Mizzi li tghix Ghawdex kinet gejja biex taraha u hu kien qalilha li xorta wahda tista' tmur taraha ghandu;

Waqt li kienu sejrin ghand ohtu fil-karozza, ommu bdiet tghidlu li haduha ghand Nutar ir-Rabat u gieghluha tiffirma xi karti;
Meta waslu ghand ohtu Magdalene, ommu bdiet tghannaq lil ohtu u qaltilha li trid tkellem lin-Nutar Mangion. Peress li ma kienx hemmhekk, gabu lin-Nutar Fiorentino;
Malli dahlet in-Nutara, ommu bdiet tifrah biha ghax kienet tafha zghira u kien ilha ma taraha u qaltilha "kemm kbirt!".
Ommu kienet gharfet ukoll lix-xhieda u tkellmet maghhom;
Cahad li ommu kienet *bed-bound*;

Gie prezentat affidavit ta' <u>Rose Borg</u> mart Michael Borg u semmiet:
Li fil-*Mother's Day* li kienet it-13 ta' Mejju, 2007, ir-ragel mar biex igib lil ommu tiekol id-dar;
Wara li kienet u strahet qaltilha li dak inhar marret taghmel testment u li kellha balla fuq l-istonku u nehhietha, ghax hi hamsa ghandha tfal u riedet "tara wicc Alla";

Gie prezentat affidavit ta' <u>Doris Borg</u> mart Joseph Borg u semmiet:
Ghall-habta ta' l-ahhar tas-sena 2006 omm ir-ragel ma baqghetx toqghod Hal-Luqa u ngabret ma' bintha Carmen;
Deherilha li l-ahhar li kellmet lil Fortunata Borg kien xi xahrejn qabel ma mietet;

Xehedet <u>Carmen Spiteri</u> u semmiet:
Tiftakar li fit-13 ta' Mejju, 2007 kienet ghamlitha ta' xhud fuq testment ta' Fortunata Borg. Kienet marret it-tifla taghha Madeleine u talbitha biex toqghod xhud. Semmiet li Fortunata kellmitha u qaltilha li hi hamsa ghandha tfal u fil-fatt kienet ghamlet testment;
Semmiet li kien hemm xhud ohra, kien jisimha Felicia li ma tiftakarx x'kunjomha u li toqghod hdejhom;

Gie prezentat affidavit ta' <u>Magdalene Galea</u> u semmiet:
Li ommha Fortunata Borg kienet ghamlet xi zmien toqghod ghand ohta Carmen Micallef;
Kienet tmur taraha spiss;

Ir-ragel t'ohtha kien dejjem b'hafna argumenti bl-iskop li ma jmorrux aktar jaraw lil Fortunata;
Ghalkemm ommha kellha xi flus il-bank saret taf li dawn kienu spiccaw;
Ommha kienet tghidilha li trid taghmel testment u peress li habiba taghha Pina Fiorentino kellha n-neputija Nutara kienet qaltilha biex tigi. Lin-Nutara qaltilha dak li riedet taghmel ommha li thalli lit-tfal kollha ndaqs;
Fit-13 ta' Mejju, 2007 ftit wara l-10.00 a.m. Fortunata Borg tfaccat ma' huha Michael;
Wara ftit ommha nizlet mill-karozza bl-ghajnuna ta' huha u wara mxiet wahidha u dahlet ghandha. Kellha biss bastun. Kif rata bdiet tghannaqha u tbusha qisha kienet ilha ma taraha s-snin. Mill-ewwel qaltliha "Madlene rrid inkellmek, cempel lin-Nutara". Hi marret u gabet lin-Nutar Fiorentino kif ukoll lix-xhieda;
In-Nutara bdiet tistaqsi xi domandi lill-ommha u hija mill-ewwel irrispondietha "jiena hamsa ghandi tfal u mhux wahda." Peress li ommi tbati mis-smigh bdiet tirrepeti d-domandi tan-Nutar f'widnejn ommha;
Cahdet li ommha kienet *bed-bound*;

Xehedet in-<u>Nutar Sharon Fiorentino</u> u kkonfermat it-testment redatt minnha;
Tiftakar li Mrs. Galea kellmet lin-nanna taghha u qaltilha li ommha tixtieq taghmel testment. Mrs. Galea kienet qaltilha li ommha riedet taghmel testment fejn thalli lit-tfal indaqs;
Kienet talbet lil Madalena Galea d-dettalji ta' l-ahwa u d-dettalji ta' ommha, iddraftjatu u ppreparat it-testment. Kien il-Hadd u marret ghand Mrs. Galea, id-dar taghha. Kien hemm Mrs. Borg, it-testatrici, iz-zewg xhieda kienu qeghdin hemm;
Staqsiet ghat-tabib u Mrs. Galea qaltilha li mhux problema u marret iccempel lit-tabib taghha u t-tabib kellimtha hi fuq it-telefon u qaltilha li taf li jezisti certifikat ta' psikjatra, u li allura ma setghetx tmur kontra c-certifikat ta' psikjatra u ma tistax taghmel ic-certifikat. Ghalhekk staqsiet lil Fortunata xi domandi izda hi ma kenitx tisma, is-smigh taghha kien batut. Mrs. Galea kienet qed tirrepeti warajha;

Giet mostoqsija tridx thassat it-testment li kellha qabel, u jekk reditx thalli lill-hamest itfal indaqs. Ghalhekk ghamlet it-testment li gie ffirmat u telqu 'l hemm;
Hi ma kenitx hasset li hemm problemi mentali izda biss ta' smigh;
Ma ftakritx jekk Joseph Galea kienx prezenti. Ma ftakritx jekk kienx hemm nies ohra prezenti;
Semmiet li taf li l-obbligu fil-ligi huwa li tara jekk fil-fehma taghha hemmx il-poteri mentali necessarji biex wiehed jippubblika t-testment. Mill-verifiki li ghamlet dakinhar hasset li l-pubblikazzjoni setghet issir ghax fil-fehma taghha l-poteri mentali kienu hemm;

Xehed Joe Borg Cardona, *Manager Legal Office* tal-Bank of Valletta u qal:
Sabu kont wiehed li jibda mit-30 ta' Gunju, 2000 u ghalaq fid-9 ta' Ottubru, 2006. Ma jirrizultax li ngibdu xi flus u minn min ingibdu. Il-kont inghalaq fid-9 ta' Ottubru, 2006. Il-kont kien miftuh f'isem Fortunata Borg biss, jigifieri hi biss setghet tigbed u ma kien hemm ebda prokuri. Huwa *savings account* jigifieri anqas kien hemm *cheque book*. L-ammont kien ta' Lm243.92.

Xehed Romuald Attard *Manager* fil-*Legal Office* mal-*Bank Of Valletta* li xehed hekk:
"Gejt mitlub biex ingib kopja ta' depozitu ta' *four thousand seven hundred and twenty point thirty four* (4,720.34), *withdrawal* ta' *three-zero-nine point seventy eight* (309.78), *withdrawal* ohra ta' *one-six-two-seven point five-seven* (1,627.57), kollha saru fis-sebgha (7) ta' Ottubru u l-*withdrawal* fejn inghalaq il-kont fid-disgha (9) ta' Ottubru, ta' *two-four-three point ninety two* (243.92) u jiena ghandi l-*vouchers* biex nezebixxihom u qed nezebihom issa stess. Qed nagharaf il-firem u l-*ID Card* tal-persuni li rtiraw l-ammonti msemmija. Dawn id-dokumenti qeghdin jigu mmarkati dokument RAX1 sa dokument RAX3."

Xehdet Isabella Mizzi fejn semmiet:
Hi bint Fortunata Borg, it-testatrici;
Hi kienet ipprezentat nota tar-rinunzja fejn irrinunzjat ghall-wirt tal-mama` taghha;

Fil-kaz tal-*Mother's Day*, hi kienet nizlet pero` ma sabhitiex hemmhekk u kienet talbitha biex tibqa' aktar izda kellha tilhaq il-vapur ta'Ghawdex;
Relazzjonijiet maghha kienu normali u qatt ma kellha diffikulta` biex tikkomunika maghha;
Fortunata Borg kienet tghidilha li mn'Alla li kien hemm ta' Micallef jiehdu hsiebha.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

### ***D1. Wirt b'testment:***

Il-Kodici Civili jiddefinixxi testment fl-artikolu 588. Dan jghid:
"It-testment huwa att, li minnu nnifsu jista' jigi mhassar, illi bih persuna, bil-mod li trid il-ligi, tiddisponi, ghaz-zmien ta' wara mewtha, mill-hwejjeg taghha kollha jew minn bicca minnhom."

Din hi bazikament id-definizzjoni moghtija minn Modestinus "*Voluntatis nostrae justa sententia de eo quod quis post mortem suam fieri voluit*". Din hija haga tant importanti li infatti it-Toullier fil-**Commentario del Codice Civile**, Vol V, S. 343 li jirrileva li wara r-religjon, it-testment huwa l-akbar konfort ghall-persuna li tkun waslet biex tmut. Fil-fatt il-kelma stess ta' testment hi bazata fuq mohh lucidu ossija *testatio mentis*. Ligijiet differenti jippreskrivu limitazzjonijiet fuq il-forma u l-kundizzjonijiet tal-possibbilta` li taghmel testment. Ghall-kawza in ezami huwa ferm importanti dak li jippreskrivi l-artikolu 597(d) tal-Kap 16 dwar kapacita` testamentarja. Dan jghid hekk:
"597. Huma kapaci li jiddisponu b'testment:
… (d) dawk li, ghalkemm mhux interdetti, ma jkunux f'sensihom fiz-zmien tat-testment;…"

Naturalment dan il-kliem iwassal ghal hafna interpretazzjoni fejn ma hemmx kwistjoni dwar mohh san ma jkunx hemm problemi, izda spiss huma applikati l-principji dwar ir-razjonalita` *o meno* tad-dispozizzjonijiet testamentarji (ara **Banks vs Goodfellow** [1870], L.R. 5

Q.B. 549). Naturalment il-kapacita` testamentarja hija r-regola, l-inkapacita` tkun l-eccezzjoni u din hija prezunzjoni li ghandha tissussisti sakemm il-persuna li tipprova timpunja testment ma ggibx provi sodisfacenti kuntrarji. Infatti l-fatt li t-testatur ikun qed ibati minn xi dizorni mentali mhix sufficjenti biex twaqqa' testment ghax hemm ukoll li hafna dizornijat mentali jkollhom mumenti jew perjodi ta' lucidita`. Hu necessarju li kull kaz jigi ezaminat fuq il-fattispecji partikolari. Naturalment kull Nutar li jippubblika testment ikun wasal ghall-konkluzjoni li t-testatur probabbilment ghandu mohh san. Biex testment jigi impjunjat irid jigi ppruvat li persuna ma kenitx f'sensiha fiz-zmien li sar it-testment.

Spiss diversi awturi waslu ghal qbil li ghandu jigi applikat il-principju ta' l-unita` u indivizibilita` tal-mohh u l-konsegwenti insanita` totali jekk ikun hemm dizordni mentali (ara f'dan is-sens **Troplong – *Le droit civile explique*`**, Vol. II S. 451-457; u ***Des Donations et des testaments*** (Vol I, S. 451); kif ukoll **M. Sacaze – *La folie consideree sans des rapport avec la capacite` civil*** – p 16). L-esperjenza tghallem li jekk testatur ikun ibati minn dizordni mentali l-familjari, hbieb u impjegati jaghmlu minn kollox b'weghdiet u theddid biex ihajru lit-testatur jiddisponi mill-proprjeta` tieghu favurhom. Jinghad li din it-teorija tilfet hafna mill-forza taghha llum il-gurnata ghax mhux bil-fors li l-monomanija taffettwa l-kapacita` testamentarja (ara:

**G. Grech vs P. Dimech** – XIV, Dec 180 pg 406
**Pirotta vs Carbonaro** – XXII, Pt I, pg 88
**C. Bartolo vs G. Spiteri** – XLII, Pt II, pg 1085
**J. Bonavia vs G. Bonavia** – 20/10/1971

Ara wkoll qrati esteri:
**Banks vs Goodfellow** – 1870, L.R. 5 Q.B. 549
**Roma Corte d'Appello** – 22/04/1950

Min-naha l-ohra **Legrand Du Saule** fix-xoghol tieghu ***Le foliex davant les Tribunaux*** isostni li l-allucinazzjonijiet m'ghandhomx ikunu ta' ostakolu ghad-dritt ta' persuna li taghmel testment jekk ma kienux ta' influwenza fuq l-agir

tat-testatur jew ma bidlux l-affezzjonijiet tieghu lejn in-nies ta' madwaru. L-istess awtur ikompli li wiehed irid jara jekk minghajr raguni fid-dispozizzjoni testamentarji t-testatur halliex lill-familjari minghajt wirt jew iddeskriviex lill-istess familjari bhala ghedewwa u dan minhabba li d-deluzjonijiet ikollhom influwenza fatali fuq l-atti tat-testatur b'mod li l-kundizzjoni mentali tkun manka u t-testatur ma jkunx ghadu aktar f'dak il-grad mentali necessarju.

**Pacifici Mazzoni** jikteb li:
"*Il criterio pratico, veramente sicuro e` questo: se la monomania ha determinato la persona a fare il testamento, deve decidersi che questa non era sana di mente in testando. Se al contrario la monomania non ha avuto parte alcuna nella dichiarazione dell'ultima volonta` di essa si deve dire che testo` sana di spirito."*

Wara l-istess awtur irrefera ghal sentenza tal-Qrati Francizi (Bordeaux – 14/04/1836 – J.36) fejn it-testatur kien jemmem li huh u ohtu kienu l-kawza ta' sofferenzi fizici tieghu u li kienu jaghmlu atti djabolici halli hu ma jirkuprax u li riedu javvelenawh. Kien ghalhekk li l-Qrati Francizi kkonkludew li d-dispozizzjonijiet testamentarji tieghu kienu rizultat tal-monomania li minnha kien qieghed isofri.

Fid-diversi sentenzi gew applikati aspetti diversi. Wahda minn dawn hija r-ragjonevolezza tad-dispozizzjonjiet testamentarji (ara **Vassallo vs Sammut**, Vol XXXIV Pt I pg 108; u **Formosa vs Axiak**, XXX Pt I pg 176). Spiss gie ritenut li jekk il-kontenut ta' testment huwa ragjonevoli, wiehed kellu jipprezumi li t-testatur kien f'sensih meta ghamel it-testment, filwaqt li jekk il-kontenut ma kienx ragjonevoli, din hija prova li t-testatur ma kienx f'sensih. Kien ghalhekk li l-qrati irritenew li anke persuna li tbati minn dizordni mentali xorta jkollha d-dritt taghmel testment.

Fi **Grech vs Dimech**, XIV-180-406, inghad:
"*Atteso che, secondo la legge, per determinare se la debolezza di mente sia a tale grado da doversi annullari gli atti della vita civile, in essa compiuti, devesi distinguere*

*tra la varia indola e importanza degli atti medesimi; per il testamento non e` richiesta una mente perfettamente rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permetta la coscienza di cio` che si fa, e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori per dedurne la capacita` od incapacita` di testare si deve avere riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentarie*."

L-istess principju jassumi aktar importanza meta` r-razzjonalita` tad-dispozizzjonijiet testamentarji huma wkoll motivati:

Fi **Grech vs Dimech**, XV-55-95, inghad:

*"Il miglior criterio per stabilire la sanita` della mente del testatore, sono al certo la ragionevolezza delle sue disposizione, specialmente quando queste sono accompagnate dalla espressione delle ragioni date dal testatore nell'atto della fazione del testamento al funzionario incaricato della sua redazione, le quali si riconoscessero ragionevoli e savie*".

F'**Cassar vs Cassar**: Vol: XXVIII, Pt. 11, P.393 inghad:

"*Il miglior criterio sulla capacita` mentale del testatore e` la ragionevolezza delle sue disposizioni, specialmente quando il testatore ne avesse indicato le ragioni riconosciuti poi ragionevoli e savie*".

Anqas hu necessarju li jigi pruvat li kien hemm giusta kawza fid-dispozizzjonijiet, basta tali dispozizzjonijiet huma razzjonali. Infatti f'**Pirotta vs Carbonaro**: Vol. XXII, Pt. 1, P.88 inghad:

"*Uno dei criteri della sanita` mentale del testatore e` la ragionevolezza delle sue disposizioni e nella disposizione testamentarie non e` necessaria la prova di una giusta causa*."

F'**John Pace vs Carmela Chircop**, 04/06/1964 inghad li:

"Id-diperiment fisiku u x-xjuhija wahidhom ma jwaqqghux il-possess normali ta' "*a sound disposing mind*" li trid il-ligi. Jistghu biss, flimkien ma' cirkostanzi ohra, jkollhom influenza fuq il-"*libertas testandi*" rikjesta barra mill-

kapacita' intellettwali. L-esperjenza tal-hajja turi li l-percezzjonijiet mentali jibqghu ta' spiss jixghalu fil-bniedem anki fl-ahhar sighat ta' hajtu ghalkemm ir-resistenza tieghu ghac-cirkonvenzjonijiet ta' hadd iehor tista' tigi ferm imnaqqsa."

Ghalhekk il-Qorti hasset li t-tesment jista' ma jkunx null taht l-aspett ta' kapacita` mentali izda jigi annullat minhabba inosservanza tal-formalitajiet essenzjali preskritti mil-ligi kif ukoll minhabba l-kaptazzjoni u suggestjoni (ara **Pace vs Chircop** dwar l-assi ta' Emmanuel Genovese; kif ukoll **Bonavia vs Bonavia**, 20/10/1971).

Din il-Qorti kif presjeduta pero` thoss li jekk id-dispozizzjonijiet ma humiex razzjonali, dan normalment ghandu jwassal ghall-konkluzjoni li t-testatur ma kienx f'sensih fil-mument li ghamel it-testment (ara wkoll **Agius vs Muscat**, XVII Pt II pg 5 fejn gie ritenut li "*la irragionevolezza delle disposizioni del testamento puo` contribuire assieme ad altri fatti al criterio circa la insanita` mentale del disponente*"); izda kuntrarju mhux necessarjament iwassal ghall-konkluzjoni li kien f'sensih u dan minhabba l-fatt li l-istess Nutar li jkun qed jirredigi t-testment f'sens ta' dover lejn xogholu spiss jiprova li jaghmel kemm jista' jkun cari l-imsemmija dispozizzjonijiet, imqar fil-forma, kif certament jekk ikun hemm xi haga daqshekk stramba jidiskuti mal-istess testatur il-konsegwenzi ta' dik id-dispozizzjoni. Ghalhekk it-teorija tar-razzjonalita` tad-dispozizzjonijiet testamentarji spiss mhix sufficjenti biex wiehed jikkonkludi l-validita` ta' testment. Ta' min jinnota li l-istess legislatur ma nkludiex din bhala wahda mill-kundizzjonijiet fl-artikolu 597. Inoltre f'testment *unica charta* jista' jkollok testatur wiehed li ma jkunx f'sensih.

Teorija ohra spiss accettata hija dik bazata fuq l-intellett u l-volonta` tat-testatur. Gie ritenut li persuna ghandha l-kapacita` testamentarja *purche`* tifhem u tapprezza l-atti tan-nies ta' madwarha u l-effetti ta' l-azzjonijiet taghha, u li kapaci tifforma intenzjoni. Kif inghad "*la sanita` di mente suppone due condizioni – le spontanieta` dell'atto e la*

*piena coscienza li cio` che si fa* (ara **Abela vs Gatt**, XVI–II-92). Ukoll f'**Gauci vs Mercieca**, XXV-I-246 inghad:
"*Da queste due dispozizioni* (294 e 295 *Ordinanza* 7 – 1868 Sezzjonijiet 596 u 597 tal-Kap 16) *si deduce che per distruggere la prezunzione della valididta` del testamento e` quindi per farsi luogo alla gravissima conseguenza della nullita` del testamento, la prova che il testatore non si trovasse in condizioni di sanita` di mente allorche` dispose dei suoi beni, dev'essere piena e rigorosa talmente da accertare che il disponente quando testava non aveva coscienza dell'atto che compiva ne volonta` propria.*"

Interessanti li tali principju japplika taht diversi ligijiet, anke fil-Polonja, ara **Zygmunt Nagorski** pg 191, kif ukoll il-ligi Taljana, **Codice Civili 591** u nfatti s-similarita` bejn *intendere e volere*, *conscious and free decision*, u konoxxenza u volonta` ghandhom l-istess sinifikat. Kien hemm kazijiet fejn din it-teorija ta' l-intellett u volonta` giet applikata flimkien mat-teorija l-ohra tar-ragjonevolezza tad-dispozizzjonijiet testamentarji. Hekk kien il-kaz fil-**Vassallo vs Sammut**, XXXIV-I-108 fejn inghad:
"Ir-ragjonevolezza tad-dispozizzjonjiet kontenuti fit-testment hija kriterju li ghandu jwassal lill-Gudikant biex jiddeciedi dwar l-insanita` mentali jew le tat-testatur, jigifieri biex jiddeciedi jekk filwaqt li k ien qieghed jaghmel it-testment it-testatur kellux koxxjenza bizzejjed ta' dak li kien qieghed jaghmel u volonta` li jiddetta dawk id-dispozizzjonijiet li hemm fit-testment".

L-Imhallef Caruana Curran f'**Bonavia vs Bonavia**, Prim'Awla, 20 ta' Ottubru, 1971, kien stqarr:
"Hekk huwa inkapaci minn fil-waqt tat-testment minhabba infermita` mentali ma jkollux intendiment u volonta`, u b'dan il-mod testment ma jkunx jirrispekkja l-koxxjenza u l-volonta` tat-testatur."

Ghalhekk huwa ferm importanti indipendentement minn kull kundizzjoni fizika tat-testatur, inkluz eta` avvanzata, li t-testatur, meta jaghmel it-testment, jifhem li dak li jkun qieghed ihalli fit-testment mill-istess proprjeta` tieghu jkun qieghed ihallih lil certa persuna jew persuni, li jifhem il-

portata ta' l-estensjoni ta' l-assi tieghu kif ukoll in-natura u l-effetti ta' l-att proprju (ara **Mifsud vs Giordano**, XXXVI-II-404).

Interessanti fern huwa dak li qal *Lord Chief Justice* Cockburn f'**Banks vs Goodfellow**, fejn inghad:
"*It is essential to the exercise of the powers of making a will that the testator shall understand the nature of the act and its effects; shall understand the extent of the property of which he is disposing; shall be able to comprehend and appreciate the claims to which he ought to give effect; and, with a view to the latter object, that no disorder of the mind shall poison the affections, pervert his sense of right, or prevent the exercise of his natural faculties; that no insane delusion shall influence his will in disposing of his property and bring about a disposal of it which, if the mind had been sound, would not have been made…*

*No doubt when the fact that a testator has been subject to any insane delusion is established, a will should be regarded with great distrust, and every presumption should in the first instance be made against it. When an insane delusion has ever been shown to have existed it may be difficult to say whether the mental disorder may not possibly have extended beyond the particular form or instance in which it has manifested itself. It may be equally difficult to say how far the delusion may not have influenced the testator in the particular disposal of his property, and the presumption against a will made under such circumstances becomes additionally strong when the will is an inofficious one, that is to say, one in which natural affection and the claims of near relationship have been disregarded."*

Il-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2010 fil-kawza fl-ismijiet **Carmen Josephine Cassar vs Louis Naudi et** qalet:
"kif jinsab affermat sa minn zmien antik*, "l'uomo nello stato suo normale si presume ragionevole e sano di mente, fino a concludente prova in contrario. La prova contraria incombe all'opponente lo stato di sanita`".* Ara "**Paolo Schembri et -vs- Maria Galea et**", Prim' Awla,

Qorti Civili, 16 ta' Ottubru, 1883 per Imhallef Giuseppe Gasan. Inoltre, il-Qorti tikkwota, *"i nostri tribunali, basandosi sulla dottrina u la giurisprudenza in materia, sono stati sempre renitenti a pronunziare la nullita` di un testamento per insanita` mentale del testatore, ammenocche tale incapacita` consti positivamente da fatti precisi e univoci e non si verifichi al momento in cui egli dettasse la sua ultima volonta`".* Ara "**Francesco Danastas -vs- Salvatore Danastas**", Appell Civili, 28 ta' Mejju, 1926;..."

Meta tqis il-fatturi kollha hawn fuq imsemmija, din il-Qorti kif presjeduta thoss li l-kwistjoni dwar kapacita` testamentarja ghandha tigi regolata kif gej:

1. Li l-kapacita` testamentarja hija r-regola u l-inkapacita` hija l-eccezzjoni; ghalhekk l-inkapacita` jekk ma tkunx irrizultat b'mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li t-testatur kien qieghed jaghmel it-testment, it-testment ma jistax jigi mhassar; biex tigi stabbilita l-insanita` mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizji gravi;

2. Li a tenur tal-Kap 16 art 597 (d) huma inkapaci li jiddisponu b'testment dawk li ghalkemm mhux interdetti ma jkunux f'sensihom fiz-zmien tat-testment;

3. Meta testatur jaghmel testment irid jifhem l-effetti tat-testment, in-natura u valur tal-proprjeta` li qieghed jiddisponi minnha, min huma l-qraba, hbieb u nies li haqqhom jibbenefikaw mill-proprjeta` tieghu kif ukoll li japprezza u jikkompara dak li ghandu jhalli lil kull wiehed u wahda minnhom.

4. Li testatur ikollu intellett u volonta` li jifhem l-azzjonijiet li jkunu qed jezercitaw in-nies ta' madwaru u ghandu l-kapacita` li jilhaq intenzjonijiet specifici;

5. Ir-razzjonalita` tal-kontenut tat-testment mhux bizzejjed biex juri li hemm kapacita` testamentarja izda n-nuqqas ta'

razzjonalita` spiss iwassal ghall-konkluzjoni li t-testatur ma kellux *sound mind*.

6. Li biex wiehed jaghmel testment ma hemmx bzonn "*una mente perfettamente e rigorosament sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permetta la coscienza di cio` che si fa; e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori si deve aver riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentarie*" (ara sentenza tal-**Qorti tal-Kassazzjoni ta' Turin ta' l-4 ta' Frar, 1871**);

***<u>D2. Applikazzjoni tal-principji legali ghall-fatti tal-kaz:</u>***
Jibda biex jinghad li l-Qorti ghandha zewg verzjonijiet totalment opposti oltre ghax-xhieda tal-psikjatra Dr. Peter Muscat. F'dan is-sens interessanti l-kawza **Farrugia vs Farrugia** ta' l-24 ta' Novembru, 1966 fejn intqal li:
"l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".

Il-Qorti tirreferi wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilak** (P.A. - 30 ta' Ottubru, 2003) fejn inghad illi:-
"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli". Illi jinghad ukoll illi l-komportament tal-partijiet quddiem min ghandu jiddeciedi huwa fattur ukoll

importanti sabiex wiehed jara jekk dak li xhud ikun qieghed jghid ghandux mis-sewwa jew le."

Din il-Qorti kif presjeduta thoss li kif saru l-affarijiet riferibbilment ghall-ahhar testment u cioe` dak tat-13 ta' Mejju, 2007 huma certament afflitti minn kaptazzjoni u suggestjoni. Il-Qorti tara ferm stramb kif tista' taccetta bhala validu testment li kien gie redatt min-Nutar fuq suggerimenti tal-beneficjarja Maddalena Galea li qalet lin-Nutar biex tirredigi testment fit-termini li sar it-testment impunjat. L-istess Galea kienet qalet lin-Nutar id-dettalji ta' l-ismijiet u l-konnotati l-ohra jiem minn qabel u li kien essenzjali li fit-testment jithallew kollha ndaqs. Meta t-testment kien gie redatt u appuntu dattilografat l-istess Nutar ma kenitx ghadha tkellmet mat-testatrici. Inoltre meta sar it-testment il-beneficjarji jew xi whud minnhom mienu prezenti u dan jirrizulta mhux biss mix-xhieda ta' xi whud mill-beneficjarji izda wkoll mix-xhieda ta' l-istess Nutar. In-Nutar staqsiet xi domandi izda minhabba difett fis-smigh tat-testatrici kienet l-istess beneficjarja Galea li qaghdet taghnmel id-domandi lit-testatrici. Il-mod kif sar it-testment ma joghgob xejn lil din il-Qorti kif presjeduta. Ukoll il-verzjoni ta' l-ghazla tan-Nutar hija konfliggenti f'dak li xehdet Maddalena Galea minn dik ta' Michael Borg. Wahda ssemmi d-dettalji ta' kif kienet tkellmet minn qabel man-Nutar Fiorentino waqt li l-iehor isemmi li ppruvaw l-ewwel ikellmu lin-Nutar Mangion u meta ma sabuhx ghajtu lin-Nutar Fiorentino. U kif inhi li t-testment esebit a fol 5 kien gja dattilografat min qabel? Interessanti wkoll il-logistika ta' kif sar l-imsemmi testment u cioe` li wara li mar ghal ommu l-imsemmi Michael Borg kollox kien preparat biex Fortunata Borg taghmel it-testment li b'mod ta' skantament malli waslet Fortunata Borg ghand it-tifla mill-ewwel qaltilha li trid taghmel testment. Ukoll tosserva li kien stramb hafna kif l-imsemmija Fortunata Borg gharfet lil kullhadd u qaghdet titkelem ma' diversi nies daqs li kieku qatt ma kellha ebda problema. U min huwa daqshekk trux jaghmel konverzazzjonijiet shah ma' kullhadd!

***<u>D3. Ix-xhieda u rapporti ta' Dr. Peter Muscat:</u>***

Fit-13 ta' Awissu, 2006 Dr. Peter Muscat, konsulent psikjatriku u p*sychotherapist*, inkluz *senior lecturer* l-Universita` ta' Malta, iccertifika dwar Fortunata Borg kif ser jinghad (kopja a fol 40 tal-process):
*"This is to certify that I carried out a mental state examination today on Fortunata Borg at the above clinic. She presently resides with her daughter Carmen Micallef and her family at 89, Morning Dawn, Triq Dun Mikiel Xerri, Attard.*

*I found her to be pleasant, cooperative, lucid and orientated to time, place and person. Her memory for past and recent events was good. She did not exhibit any signs of anxiety, depression or psychotic phenomena. Her cognitive state was normal.*

*She expressed a desire to me that she would like to make a will and to leave her house in Luqa to her daughter Carmen Micallef since she is the one who has looked after her for the past three years. She also said that she has a plot in Xaghra Gozo which she would like to divide between all her children as well as any money that she has.*

*In my opinion her mental state is normal and stable which renders her fully capable of exercising her civil duties. She also possesses testamentary capacity."*

Sussegwentement l-istess Dr. Muscat irrilaxxja certifikat iehor fid-19 ta' Frar, 2007 fejn f'dan qal:
"*This is to certify that I carried out another mental state examination today on Fortunata Borg at the above clinic. She continues to reside with her daughter Carmen Micallef and her family at 89, Morning Dawn, Triq Dun Mikiel Xerri, Attard. Since my last certification of the 30.08.2006 she has become disorientated and frequently confused. Her memory for recent events has deteriorated. She does not exhibit any signs of anxiety, depression or psychotic phenomena. However her cognitive state has declined. She has also become incontinent of urine at night and occassionaly also faeces. Her deafness has also deteriorated making communication rather difficult.*

*In my opinion she has now started suffering from a dementing process which renders her unable to manage her civil affairs. She does not possess testamentary capacity any more and she should therefore be interdicted according to law."*

It-testment impunjat gie maghmul fit-13 ta' Mejju, 2007 ossija tliet (3) xhur wara dan it-tieni certifikat. Ix-xhieda ta' Dr. Muscat gja giet analizzata hawn fuq izda l-Qorti tixtieq taghmel enfasi ulterjuri fuq:
Dr. Muscat ikkonferma c-certifikat tad-19 ta' Frar, 2007 bil-gurament;
Fid-19 ta' Frar, 2007 osserva li l-istat mentali kien iddeterjora hafna tant li anqas seta' jaghmel komunikazzjoni maghha jigifieri kellha l-bidu tad-*dementia* li anka beda juri ruhu fi stat anke fiziku;
Ma kenitx orjentata aktar u ghalhekk jigifieri jekk kien sar xi testment jew xi kuntratt civili qabel dak iz-zmien meta kienet fi stat mentali tajjeb dak fl-opinjoni tieghu japplika pero` kienet f'dak l-istadju saret fi stat li ma setghetx mill-aspett kemm mediku, iktar u iktar psikjatriku tezercita d-drittijiet civili taghha izjed;
Kien qal lil Carmen Micallef li zbaljaw ma jaghmlux l-interdizzjoni;
Meta kien raha hu ma kellha l-ebda *lucid intervals* fit-tieni darba, anqas komunikazzjoni ma seta' jaghmel maghha, ma kienx hemm jigifieri *a free flowing conversation* u kienet anke iddeterjorat mis-smigh.

***<u>D4. Interess guridiku ta' Omar Micallef:</u>***
Din il-Qorti kif presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet **Maria Tabone *et* vs Joseph Schembri**, deciza fit-30 ta' Jannar, 2007 qalet:
"Dwar il-kuncett ta' l-interess guridiku, jibda biex jinghad, li;

Fil-kawza fl-ismijiet **Giulia Maria Millard vs George Said *et noe*** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] inghad li biex wiehed jista' jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hemm

bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.

Fil-kawza fl-ismijiet **Alexander Eminyan vs John Mousu`** ***pro et nomine*** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Superjuri fit-28 ta' Frar, 1997 [LXXXI-11-429] gie ritenut li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.

L-interess irid ikun guridiku, cioe` bbazat fuq xi dritt pretiz lez ta' l-atturi. (**Mattirolo** Vol. I pag.50; **Mortara** VolI p.588;). Il- **Mattirolo** f'dan ir-rigward jispjega li:
"*L'azione compete soltanto e tutela dei diritti; l'interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` 'injuria datum', se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto*."

Il-ligi qeghda hemm biex tipprotegi dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu. Huwa ghalhekk, li jinghad li l-interess huwa l-mizura ta' l-azzjoni.

L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali cjoe jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt. (Ara **Philip Andrew Ransley** ***et*** **vs Emanuel Coleiro** ***et noe*** deciza mill-Qorti ta' L-Appell fid-29 ta' Jannar 1997). Illi minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett ta' l-attwalita` tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Hekk gie ritenut fil-kawza

**Joseph Sammut *et noe* vs Carmelo Attard** Appell Civili datat 17 ta’ Frar 1993.

Illi gie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f’somma determinata ta’ flus jew gid, u jista’ jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghall-jedd morali jew suggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku. (Ara **Axiaq vs Mizzi *noe et*** Prim Awla Qorti Civili deciza fit-13 ta’ Ottubru 1952, **Scolaro vs Bailey,** Appell Civili deciz fil-15 ta’ Dicembru 1932, **Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin,** Prim’Awla Qorti Civili deciz fit-28 ta’ Marzu 2003).

Dan il-principju gie ribadit fil-kawza **Falzon Sant Manduca vs Weale,** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fid-9 ta’ Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun guridiku, jigifieri jkollu l-elementi mehtiega biex isawru l-interess ta’ l-attur, izda dan l-interess m’hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f’valur ekonomiku. Il-Qrati taghna, sahansitra taw decizjonijiet fis-sens li persuna ghandha nteress li tigi msejha fil-kawza anke fen la tista’ tirbah il-kawza u lanqas tista’ tigi kkundannata, imma biss ghaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet taghha u ghall-integrita` tal-gudizzju. (Ara **Lawrence Farrugia vs Joseph Fava** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-18 ta’ Mejju 1995).

Ghalhekk jekk wiehed jipprova jigbor dawn il-principji fil-qasir wiehed jista’ jghid li l-interess guridiku:

- irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta’ jedd u jibqa’ jezisti fil-kors kollu tal-kawza]
- irid ikun dirett
- irid ikun legittimu [konformi ghal dritt ta’ l-attur, u mhux biss interess]
- irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]
- l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta’ vantagg u utilita`
- ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta’ vjolazzjoni ta’ xi dritt li jappartjeni lill-attur

- il-kawza li jipproponi tkun tista' tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.
- Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir
- Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista' jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv."

Illi fis-sentenza **Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela *et*** (App. Civ. (Imh JSP) – 6 ta' Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet:-
"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta' interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa '*l'utilita` finale della domanda giudiziale nel tema dell'asserita` esistenza o violazione del diritto'*. Illi ghalkemm fis-sistema taghna tista' tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista' jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta' l-awtorita` gudizzjarja."

Fil-kawza **Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalita` tieghu bhala Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni** (P.A. (JRM) 18 ta' Jannar 2001 – Cit. Numru 1790/00/JRM), il-Qorti qalet hekk:
"Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess ta' l-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B'ta' l-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta' l-ezistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku [ara per ezempju, Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Falzon Sant Manduca vs Weale**", maqtugha fid-9 ta' Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.11".

Fis-sentenza **J. Muscat *et* vs R. Buttigieg *et*** (App. Civ. 27 ta' Marzu 1990 – Vol. LXXIV.iii.481) intqal:

"L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."

Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla fit-2 ta' Mejju, 2002 fl-ismijiet **George Laferla *et* vs Joseph Lauri *et*** inghad li:
"Huwa risaput li l-interess ta' l-attur f'kawza jrid jibqa' jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni, ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista' tissokta (ara "**Calleja vs Micallef**" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' April, 1992, u "**Sammut vs Attard**" deciza wkoll mill-istess Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Frar, 1993)."

Il-Qorti tosserva wkoll li l-interess guridiku, <u>irid jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni</u>. Meta dan l-interess tal-kumpanija attrici naqas, il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. (**Joseph Sammut *et noe* vs Carmelo Attard**; App. Civ., 17.2.1993, Vol. LXXVII).

Illi f'sentenza ohra tas-17 ta' Frar 1993, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Joseph Sammut *et noe* vs Carmelo Attard** qalet li:
"l-interess guridiku huwa risaput, irid jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni"."

Issa mill-atti processwali jirrizulta li fit-testment precedenti ghal dak datat 13 ta' Mejju, 2007, Fortunata Borg halliet il-fond ta' Hal Luqa lil Omar Micallef. Dan juri b'mod car illi dan ir-rikorrent kellu l-interess guridiku rikjest skond il-ligi halli anke hu jressaq din l-azzjoni. Hu ghandu interess li jipprova li Fortunata Borg kienet lucida meta ghamlet it-testment tal-31 ta' Awissu, 2006 li minnu bbenefika billi t-testartrici hallietlu l-fond 94, Triq San Guzepp, Hal-Luqa, waqt li kellu kull interess li jattakka t-testment tat-13 ta'

Mejju, 2007 fejn ma wiret xejn direttament, u ghalhekk altru che jezisti l-interess guridiku tieghu.

**E: KONKLUZJONIJIET:**

Din il-Qorti thoss li wara li analizzat l-aspetti kollha relevanti kemm legali kif ukoll fattwali, ghandha toqghod fuq dak li qal Dr. Peter Muscat, professjonista ta’ livell gholi li certament ma kellux interess li qabel ma biss isir it-tieni testment jesprimi bil-miktub dwar l-inkapacita` mentali ta’ Fortunata Borg f’dak l-istadju. Il-Qorti ppruvat tindaga anke dwar l-aspett ta’ mumenti lucidi izda Dr. Muscat kien kategoriku li dawn il-mumenti lucidi ma kienux jissussistu. Huwa veru li l-kapacita` testamentarja hija prezunta izda fl-istess hin jekk persuna ma tkunx f’sensiha, hija inkapaci li tiddisponi b’testment. Il-Qorti ma tistax taghti piz lil depozizzjonijiet ta’ nies li ghazlu li jixhdu kemm Fortunata Borg hadet gost titkellem maghhom meta rrizulta b’mod car li din la tisma u anqas kienet qed tapprezza dak li kien qed jintqal. Certament f’dak l-istadju meta sar it-tieni testment Fortunata Borg ma kenitx ghadha tifhem aktar in-natura u l-valur tal-proprjeta` kif ukoll l-importanza ta’ bejn il-qraba. Il-Qorti kienet ukoll influwenzata minn dak li rrizulta ta’ kif sar it-testment ta’ l-2007 bil-prezenza tal-beneficjarji li huma stess bdew jaghmlu d-domandi. Dan iwassal lill-Qorti li tasal ghall-konkluzjoni li t-testment ta’ l-2007 ta’ Fortunata Borg ghandu jigi dikjarat null u bla effett minhabba li fit-13 ta’ Mejju, 2007 it-testatrici ma kellhiex il-kapacita` testamentarja rikjesta mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-eccezzjoni li Omar Micallef ma kellux interess guridiku.

Tichad it-tieni eccezzjoni li t-testment tat-13 ta’ Mejju, 2007 ma kienx afflitt minn difett essenzjali.

Tiddikjara li Fortunata Borg ma kellhiex il-kapacita` testamentarja taghmel it-testment tat-13 ta’ Mejju, 2007 pubblikat min-Nutar Dr. Sharon Fiorentino.

Tiddikjara dan it-testment null u bla effett ai fini tal-ligi.

Thassar u tirrevoka l-imsemmi testment tat-13 ta’ Mejju, 2007.

Tordna l-komunika mir-Registratur lin-Nutar Pubbliku Dr. Sharon Fiorentino kif ukoll lin-Nutar tal-Gvern.

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------